MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 254/1986/1

**Attilio Vassallo Cesareo u Saviour Coppini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Internatonal Machinery Limited**

**Vs**

**Anthony Cilia Pisani**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 1986 l-atturi nomine ppremettew illi b'kuntratt ta' servizz datat 20 t'Ottubru 1981 (Dokument 'A') il-konvenut impjega ruhu mas-socjeta` attrici bhala 'General Manager' taht il-pattijiet u kondizzjonijiet hemmhekk stipulati; illi l-impieg tal-konvenut mas-socjeta` attrici gie terminat per mezz ta' skrittura datata 31 ta' Ottubru 1984 b'liema skrittura l-kontendenti stipulaw xi modifiki fil-kuntratt ta' servizz precitat (Dokument 'B'); illi a tenur tal-klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' servizz gie miftiehem illi f'kaz li l-konvenut jahdem fl-istess linja ta' negozju jew xoghol li tesplika is-socjeta` attrici qabel l-eghluq ta' sentejn mit-terminazzjoni tal-impieg tieghu maghha minghajr il-kunsens bil-miktub tas-socjeta` attrici, huwa jkun obbligat illi jhallas in linea ta' penali lis-socjeta attrici s-somma ta' ghoxrin elf liri Maltin (LM20,000); illi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut qieghed jokkupa ruhu jew jaghmel xoghol li kienet u ghadha tesplika is-socjeta` attrici minghajr intendiment maghha u b'hekk huwa inadempjenti fl-obbligi kontrattwali minnu assunti bir-rizultat illi rrenda ruhu passibbli ghall-hlas tal-penali kontemplata fl-istess kuntratt; dan premess l-atturi nomine talbu li minn dik il-Qorti:-

1. jigi dikjarat u deciz illi bl-agir tieghu il-konvenut kiser il-provediment kontemplat fl-artikolu sitta (6) tal-kuntratt ta' servizz;
2. jigi dikjarat li bhala rizultat irrenda ruhu passibbli ghall-hlas ta' penali miftiehma ammontanti ghall-ghoxrin elf liri Maltin (LM20,000); u
3. jigi kkundannat il-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' ghoxrin elf liri Maltin (LM20,000) jew somma verjuri a tenur tal-istess klawsola numru (6) bl-imghax legali minn notifika tal-presenti.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-mandat ta' Impediment ta' Safar (358/86) u tal-Mandat ta' Sekwestru (357/86) kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-7 ta' Mejju, 1986 il-konvenut eccepixxa:-

1) In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti "rationae materiae", peress illi mill-istess citazzjoni jidher li

qed jigu attribwiti lill-eccipjent atti ta' kummerc u li huwa kummercjant.

2) Illi subordinatament l-eccipjent ma ghamel ebda atti li jilledu id-drittijiet kontrattwali tal-atturi nomine.

3) Illi f'kull kaz skond il-gurisprudenza Ingliza li tigi segwita mill-Qrati Taghna f'kazijiet analogi, restrizzjonijiet tal-attivitajiet ta' ex impjegat mill-employer li jkunu generici, ghal zmien iktar minn dak ragionevoli u li jkunu "in restraint of trade" dejjem gew ritenuti invalidi u bla effett, u ghalhekk ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-eccipjent mill-attur noe u li jiffurmaw il-bazi tal-azzjoni odjerna, ghandhom jigu ritenuti nulli u bla effett.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-31 ta' Jannar, 2003 billi bl-akkoljment tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut cahdet it-talbiet attrici u, stante l-komplessita` tal-kaz u tal-materja trattata, ordnat li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-materja taht konsiderazzjoni titratta minn klawsola inserita f'kuntratt ta' impjieg datat 20 ta' Ottubru 1981 (fol. 5) liema klawsola taqra hekk:

*"The Manager during the continuance of this agreement, or with five (5) years from the termination thereof for any reason, shall not without the consent in writing of the company either solely or jointly with, or as manager or agent for, any other person, company or persons directly or indirectly carry on or be engaged in the same line of business in which the company is engaged at that time or to divulge any secrets entrusted to him by virtue of this appointment. In default the Manager binds himself to pay the company by way of penalty which he accepts to sum of LM20,000."*

"Aktar tard, precizament fil-mument tat-tluq tal-konvenut mill-impjieg iz-zmien fuq prefiss ta' hames (5) snin gie ridott ghal sentejn (2) bi skrittura modifikatrici tal-31 ta' Ottubru 1984;

"Is-socjeta` attrici tallega li da parte tal-konvenut kien hemm ksur tal-patt fuq imsemmi u dana kif minnha sostenut mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Saviour Coppini, dawk dokumentali kif ukoll minn dak konfessat mill-konvenut innifsu specjalment fil-kors tal-kontro-ezami tieghu;

"Fil-verita` l-kuntrast bejn il-kontendenti ma jikkoncernax daqstant il-fatti, u tabilhaqq "*contra factum …..non est argumentum*". Il-qofol tal-kontestazzjoni, anke minn dak rizultanti minn Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut (fol. 81) u mis-sottomissjonijiet tieghu fit-trattazzjoni finali (fol. 275), kien orjentat fuq il-portata tal-klawsola appattwita f'paragrafu 6 tal-iskrittura tal-impjieg fuq riportata u li l-validita` taghha tinsab attakkata mill-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu.

"Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ser tillimita l-ezercizzju taghha ghal din il-klawsola, ahjar maghrufa bhala wahda "*in restraint of trade*", fis-sistema Ingliza jew "*patto di non concorrenza*" fil-ligi Taljana;
"Ezercizzju bhal dan necessarjament jinvolvi mhux biss l-ezami tad-disposizzjonijiet pozittivi tal-ligi dwar il-kuntratti in generali izda wkoll principji ohra tad-dritt emanenti minn normi sanciti f'ligijiet specjali li jghoddu ghal kaz;

"Huwa facli li wiehed isostni l-argoment vantat mill-atturi *nomine* illi f'materja kuntrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili) u allura meta jigi vjolat xi patt espress tieghu dan jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali li timporta retribuzzjoni bi hlas ta' danni jew penali prevista;

"Tali preposizzjoni hi guridikament korretta. B'danakollu l-materja *de quo* hi aktar komplessa minn hekk, tenut kont tal-monitu profess minn awtur bhala **Baudry** ("Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civilie", Vol. XXI pagna 51 para. 1712) fejn jafferma li "*tuttavia tutte le clausole di questo genere debbono essere interpretate restrittivamente nell'interesse dell'impiegato" (Trib. Fed. Svizzero, 15 Giugno 1895);*

"Issa kif rilevat fid-decizjoni ta' l-Imhallef erudit Maurice Caruana Curran fil-kawza **"Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke",** Qorti tal-Kummerc, 31 ta' Lulju 1969, "*there is no specific provision of codified law in Malta about clauses in restraint of trade as such, and jurisprudence or judicial precedent is not apparently abundant, but it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Section 1028 (*illum Artikolu 985*) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or contrary to morality, or to* <u>*public policy*</u>*, may not be the subject matter of a contract.";*

"Ghal kuntrarju tas-sitwazzjoni lokali, fl-Ingilterra klawsoli bhal dawn kienu jifformaw is-suggett f'decizjonijiet sekolari. Storikament ghall-bidu u in linea generali r-regola addottata kienet li kuntratti bi klwasoli *in restraint of trade* kienu jitqiesu invalidi. Eventwalment beda jigi accettat il-kuncett ta' "*partial restraint if reasonable and not contrary to the public interest* (***Ansons's Law of Contract,*** 23rd Edition, pagna 333);

"Fil-qaghada attwali jidher li l-qofol tad-duttrina fuq din il-materja hi dik bazata fuq l-enuncjazzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fid-decizjoni tal-House of Lords fl-ismijiet **"Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd"** [1894], kif ukoll f'sentenzi posterjuri, jigifieri:-

*"1. All restraints of trade, in the absence of justifying circumstances, are contrary to public policy and therefore void;*

*2. It is a question of law for the decision of the Court whether the special circumstances adduced do or do not justify the restraint; and if a restraint is not justified, the Court will, if necesssary, take the point, since it relates to a matter of public policy, and the Court does not enforce agreements which are contrary to public policy;*

*3. A restraint can only be justified if it is reasonable (a) in the interests of the contracting parties, and (b) in the interests of the public;*
*4.The onus of showing that a restraint is reasonable between the parties rests upon the person alleging that it is so, that is to say, upon the covenantee. The onus of showing that, notwithstanding that a covenant is reasonable between the parties, it is nevertheless injurious to the public interest and therefore void, rests upon the party alleging it to be so, that is to say, usually upon the covenantor. But once the agreement is before the Court it is open to scrutiny in all its surrounding circumstances as a question of law.”* – Anson, *op. cit.* Pagni 335-336;

“Ghal dak li jirrigwarda stipulazzjonijiet bejn principal u impjegat f’kuntratt ta’ impjieg dawn il-principji rcevew applikazzjoni. Dan fis-sens illi filwaqt li gie rikonoxxut id-dritt ta’ min ihaddem illi jipprotegi l-interessi kummercjali tieghu ghal dak li huma “*trade secrets*” u li jinibixxi “*the misuse by the employee of his acquaintance with the employer’s clients or customers*” eppure il-kostringiment irid ikun relatat man-natura ta’ l-impjieg fejn allura min ihaddem jigi akordat harsien akbar fil-kaz ta’ impjegat f’kariga gholja, *ad exemplum, “managing director*”. Inoltre il-patt tar-restraint irid jillimita l-attivita` lavorattiva jew industrijali ta’ l-impjegat ghal zmien jew cirkondarju determinat li ma jkunx irragjonevoli;

“Fil-legislazzjoni Taljana patt konsimili hu regolat bl-Artkolu 2125 tal-Codice Civile li hekk jiddisponi:-

“*Il-patto col qual si limita lo svolgimento dell’attivita` del prestatore di lavoro, per il tempo successivo alla cassazione del contratto, e` nullo:*
*(i) se non rusulta da atto scritto;*
*(ii) se non e` pattuito un corrispettivo a favore del prestatore di lavoro;*
*(iii) se il vincolo non e` contenuto entro determinati limiti di oggetto, di tempo e di luogo.”;*

"Fil-kaz ta' dirigenti dan iz-zmien ma jridx jeccedi l-perjodu ta' hames (5) snin;

"Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti patt bhal dan ta' non-konkorrenza hu konfigurat "*come u contratto oneroso a prestazioni corrispettive*" (**Cian u Trabucchi "Commentario al Codice Civile,** Ed. 2002) u fejn allura jafferma il-principju "*della doverosa congruita` del compenso in relazzione al sacrificio richiesto al lavoratore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni 88/2221 u 87/6618**). Ghal fini tal-gudizzju konkret fuq l-hekk imsejha "*congruita`*", gie mehud qies tal-"*misura della retribuzione, l'estensione territoriale ed oggettiva del divieto e la professionalita` del dipendente"* (**Tribunale di Milano,** 16 ta' Gunju 1999, Rivista italiana del lavoro);

"Minn dan kollu jemergi illi l-iskop ta' patt konsimili huwa dak li fir-rigward ta' min ihaddem dan jissalvagwardja, fil-konfront tal-konkorrenti, l-interessi ekonomici u l-attivitajiet kummercjali tieghu, mentri fir-rigward ta' l-impjegat l-attivita` tieghu ghaz-zmien prefiss wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tigi limitata;

"Jigi notat pero` illi fiz-zewg sistemi ezaminati biex il-patt jigi konsiderat gustifikat dan irid ikun fl-interess taz-zewg partijiet kontraenti u mhux ta' wiehed minnhom biss. Huwa proprju b'dan il-mira li l-ligi Taljana effettivament tipprova tirrikoncilja dawn iz-zewg interessi billi tipprovdi ghal korrispettiv ta' kumpens, kommizurat mar-restrizzjoni li l-impjegat ikollu jissubixxi fil-liberta` lavorattiva tieghu;

"Riportat dan ghal kaz *in ispecie* filwaqt li jinhass minn dak rakkolt mill-provi illi l-atturi *nomine* kellhom kull gustifikazzjoni li jirrestringu lill-konvenut fl-attivita` tieghu *post contractu* u dan bl-iskop tas-salvagwardja ta' l-interessi patrimonjali ta' l-azjenda taghhom, ciononostante jonqos mill-patt u l-kuntratt in generali mizuri adegwati li jharsu kif jixraq lil konvenut impjegat taghhom, anke jekk taccetta li z-zmien tar-restrizzjoni kien adegwat;

"F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

I. Imkien ma jirrizulta mill-kuntratt il-*quid pro quo* fis-sens ta' l-artikolu kummentat tal-Kodici Civili Taljan tal-korrispettiv biex ipatti ghal dak ritenut bhala "*sacrificio richiesto al lavoratore"* u "*la riduzione delle sue possibilita` di guadagno";*

II. Hu dubjuz kemm patt restrittiv bhal dan, u li skond il-gwida gurisprudenzjali estera jrid jigi konfinat f'cirkondarju limitat, jista' jitqies f'pajjiz zghir bhal ma hu dak taghna li jikkonforma ruhu ghal kriterji ta' "*reasonableness*";

"Dan il-hsieb jircievi spjega minn dak kostatat u espress fid-decizjoni gja citata **"Jos. Xerri noe vs Brian Clarke"**, fliema kaz il-konvenut impjegat kien cittadin barrani. Fiha appuntu ntqal dan:-

"*In this case having regard to the particular circumsatnces of time and place emerging from the evidence, the Court cannot find the clause in question unresonable, since the restraint applies only to a small island which is not the defendant's normal home and domicile or even less the country of his nationality, and it applies only to reasonably limited period of time.*"

"Minn dan jista' jigi allura argumentat f'certu sens, illi konsidrat li l-konvenut hu cittadin Malti, u gialadarba mhux mistenni jew pretiz li ghandu jkun kostrett ihalli pajjizu, tali patt ma jissuperax it-test tar-ragionevolezza. Lanqas ghalhekk ma jista' allura jitqies lecitu jekk impjegat, familjari ma certu attivita`, jingieb fil-qaghda li jkun kostrett ihalli pajjizu ghal gwadan tieghu ghax f'pajjizu stess din l-istess attivita` hi impeduta lilu anke jekk ghal zmien. F'sitwazzjoni bhal din, biex verament tkun tista' titqies ragjonevoli, ir-restrizzjoni mposta lilu kellha tkun pacuta ma' xi forma ta' kontribuzzjoni kompensatorja mhallsa lilu. Huwa f'dan u b'dan il-mod li l-artikolu tal-Kodici Civili Taljan kien jissodisfa, kieku applikat u akkolt f'dan il-kaz, il-kriterju tar-ragjonevolezza.

"Dan pero` mhux bizzejjed. Gja gie rilevat fil-bidunett ta' din id-decizjoni illi f'kazijiet ta' kuntratti meta dawn ikunu partikolari jridu jitharsu fuq kollox id-disposizzjonijiet tal-

ligijiet specjali. Il-kuntratt taht konsiderazzjoni hu wiehed minn dawn in kwantu kuntratti ta' impjieg huma regolati bl-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg (Kapitoli 135). Issa f'materja ta' kuntratti "il-ligi applikabbli hija dik ta' meta saret l-obbligazzjoni u meta sehh il-kuntratt, mhux dik ta' meta ghandha tigi deciza xi kontroversja, jekk fl-intervall l-ligi tkun tbiddlet" ("**Neg. V Salomone noe vs Dr. Giuseppe Mifsud Speranza**", Qorti tal-Kummerc, 12 ta' Novembru 1934 a Vol. XXIX P III p. 18). Ghaldaqstant irid jigi ezaminat l-Att imsemmi kif kien fl-1981, data tal-kuntratt;

"Jibda biex jigi puntwalizzat illi b'dan l-Att, "*the law in general seeks to regulate conditions of employment in respect of both employer and employee; but it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of the employees"* ("**Sylvia Falla vs Ernest Jennings nomine**", Appell Kummercjali, 14 ta' April 1969);

"Dan igib bhala konsegwenza illi l-pattijiet kontrattwali huma subordinati ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att imsemmi u l-inosservanzi taghhom, oltre l-konsegwenzi ta' natura penali, iggib in-nullita` tal-kuntratt jew tal-klawsola partikolari tieghu li tkun tikkontravjeni l-artikolu relattiv ta' l-Att. Hekk kien il-kaz per ezempju fid-decizjoni "**Avukat Dr. Hugh Peralta noe vs Vincent Falzon et noe",** Appell Kummercjali, 19 ta' Mejju 1986;

"Hu fl-isfond ta' l-att surriferit illi gie indagat il-kaz fil-kawza citata mill-konvenut fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu;

"F'dik il-kawza fl-ismijiet "**Paul Pisani nomine vs Reuben Vella Bray**", Prim'Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1994, il-Qorti filwaqt li rrikonoxxiet d-duttrina tar-*restraint of trade* u l-protezzjoni moghtija b'din id-duttrina lil min ihaddem, b'danakollu ziedet tosserva li din il-protezzjoni "trid tigi bilfors temprata serjament mid-dritt tax-xoghol li ma ghandux u ma jistax jigi pregudikat";

"Din l-osservazzjoni segwiet l-ezami taghha tad-dispozizzjonijiet rilevanti ta' l-Att imsemmi, senjatament l-Artikoli 38 u 26 tieghu, b'din ta' l-ahhar titratta minn multi li "l-impjegat jista' jehel dwar kull ghemil jew nuqqas ta' ghemil….". F'dan ir-rigward il-ligi tissanzjona illi l-pattijiet ta' kuntratt bhal dak iridu jkunu gew approvati minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni;

"Wiehed jista' jargumenta ili l-kalwsola in disamina hi wahda *sui generis* u tiskatta wara t-terminazzjoni tal-kuntratt. Dan ir-ragunament pero` ma jregix in kwantu l-kuntratt hu wiehed li jirid jigi konsidrat *tout ensemble* bhala wiehed ta' impjieg. Il-klawsola *de quo* ma tistax tigi izolata mill-kumplament. Fil-verita` l-klawsola ma tiskattax biss wara li jintemm l-impieg in kwantu mill-istess termini taghha kienet operanti wkoll anke "*during the continuance of this agreement*";

"Fil-kaz in ezami, bhall-iehor appena riferit, ma jirrizultax mill-atti li l-approvazzjoni tad-Direttur intalbet u wisq anqas inghatat. Approvazzjoni bhal din, skond kif manifest mill-Att imsemmi, ma hijiex izolata ghal dak dispost fl-Artikolu 26 biss. Difatti l-approvazzjoni preventiva tad-Direttur tissemma wkoll per ezempju fl-Artikolu 34 subinciz (21). Gie determinat b'referenza ghal dan l-ahhar imsemmi artikolu illi dan hu "rekwizit essenzjali li kien nieqes fil-kaz odjern" ("**Salvino Borg D'Anastasi vs Ian Decesare et noe et"**, Appell Civili, 13 ta' Gunju 1995);

"Stabbilit dan kollu il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi kemm jekk il-materja tigi rigwardata mill-ottika tad-disposizzjonijiet tal-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg kemm jekk tigi valutata mill-perspettiva tal-kriterji stabbiliti mid-duttrina u l-gurisprudena, f'gurisdizzjonijiet differrenti, ghal dak li jikkoncerna r-*restraint of trade clause* l-atturi *nomine* ma waslux sal-punt li jikkonvincu illi l-klawsola impunjata ghandha titqies valida fit-termini ta' l-Att jew gustifikata fuq it-test tar-ragionevolezza."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha agravata bis-sentenza fuq imsemmija u b’rikors intavolat fit-18 ta’ Frar, 2003 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u b’hekk tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat u tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi nomine appellanti bl-imghax legali u bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut ipprezenta risposta u talab li l-appell jigi michud billi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**L-aggravji tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici appellanti pprezentat zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:

1) illi l-Ewwel Qorti applikat erroneament l-Artikoli 38 u 26 ta’ l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta’ l-Impieg (Kapitolu 135), u

2) li ghamlet apprezzament zbaljat tal-gurisprudenza u d-dottrina in materja illi wassluha ghal konkluzzjoni erronea.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-Artikoli 38 u 26 tal-Kapitolu 135.**

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li r-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti ghandhom jigu regolati bil-provvedimenti legislattivi nostrani u kull provvediment esteru aljen ghas-sistema lokali ma ghandu jkollu ebda effett fid-dibattitu li ghandu jsir biex tigi determinata l-vertenza. Ghalhekk kull aspett ta’ korrispettiv ghall-imposizzjoni ta’ penali, li jissemma fil-ligi taljana, ma ghandu jsib ebda applikazzjoni billi l-ligi nostrana ma tirrikjedi ebda kunsiderazzjoni ta’ kumpens li ghandu jinghata lill-impjegat biex obbligazzjoni, bhal ma hija dik kontemplata fil-klawsola 6 tal-kuntratt ta’ impieg, jkollha effett.

Dan premess jinghad li r-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti huma ghalhekk regolati b’dak li hemm provdut fil-Kodici Civili taht il-Kapitolu li jittratta l-kuntratti u

senjatament l-Artikoli 987 u 990 u l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta’ l-Impieg.

L-Artikolu 987 tal-Kodici Civili jiddisponi li “L-obbligazzjonijiet minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza jew illecita ma ghandhom ebda effett”. Filwaqt li l-Artkolu 990 jiddisponi li “l-kawza hija illecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku”.

Il-Klawsola 6 tal-kuntratt ta’ servizz ta’ l-20 ta’ Ottubru, 1981 tiddisponi espressament hekk:
“The Manager during the continuance of this agreement, or within five (5) years (liema perjodu, skond l-iskrittura li biha gie terminat l-impieg tal-31 ta’ Ottbru, 1984, gie ridott ghall-sentejn) from the termination thereof for any reason, shall not, without the consent in writing of the company either solely or jointly with, or as manager or agent for, any other person, company or persons directly or indirectly carry on or be engaged in the same line of business in which the company is engaged at that time or to divulge any secrets entrusted to him by virtue of his appointment. In default the Manager binds himself to pay the company by way of penalty which he accepts the sum of LM20,000.”

Issa l-Artikoli 38 u 26 ta’ l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta’ l-Impieg ghandhom il-ghan li jissalvagwardja l-interess tal-impjegat billi ma jistghux jigu imposti kundizzjonijiet anqas favorevoli milli jistabilixxi l-Att innifsu u billi ma jigux inkorporati fil-kuntratt ta’ impieg xi penalitajiet jew multi li jistghu jigu mposti fuq l-impjegat minghajr l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol.

Qed jinghad fir-rigward mis-socjeta` appellanti, li ghal dawk li huma multi l-ligi ghandha tigi interpretata li tali multi huma dawk li jistghu jigu imposti waqt id-dekorrenza tal-impieg u mhux wara u, ghalhekk, billi l-multa imposta bil-klawzola 6 tal-kuntratt ta’ servizz tat-20 t’Ottubru 1981 tirriferi ghall-perjodu wara li jintemm l-impieg dan l-artikolu ma jsib ebda applikazzjoni ghall-kaz in ezami. Qed jinghad inoltre li, gialadarba l-kuntratt ta’ impieg gie

terminat bonarjament bejn il-kontendenti, ma ghandux japplika l-Artikolu 38 ta' l-Att li ghandu l-ghan li jipprotegi lill-impjegat mill-imposizzjoni ta' kundizzjonijiet anqas favorevoli.

Din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni tal-appellanti billi l-kuntratt ta' impieg huwa dak li hu bil-klawzoli kollha li jinsabu gewwa fih u bill-kondizzjonijiet hemm imposti. Il-ligi specjali li tirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg taghmila tassattiva li kondizzjonijiet li jmorru oltre dak li hemm specifikat fil-ligi ma jkollhom ebda effett jekk dawn ma jkunux *a priori* gew awrorizzati mid-Direttur tax-Xoghol bhala mezz ta' kontroll "*li jeskludi l-possibilita` tal-kontraenti – min ihaddem u min jahdem – li jiftehmu u jidhlu f'konvenzjonijiet li, taht certi aspetti, jmorru kontra dak li l-Att jippreskrivi. F'dan ir-rigward l-Att jillimita l-volonta` tal-kontraenti fl-*<u>interess pubbliku</u> *bil-konsegwenza li meta' l-volonta` tal-kontraenti tmur oltre dak li l-ligi tipprovdi, dik il-konvenzjoni hija reza minghajr effett.*" [1]

Minn dan naraw li l-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' servizz, li ma jirrizultax li gie approvat mid-Direttur tax-Xoghol, tikkozza kontra l-provvedimenti ta' l-Artikoli 26 u 38 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza l-istess klawsola hija illecita, inkwantu proibita mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta u konsegwentement ma jista' jkollha ebda effett kif jipprovdi l-Artikolu 987 tal-istess Kap 16.
Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell tas-socjeta` attrici mhux gustifikat u ghalhekk qed jigi michud filwaqt li s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjes ta' dan l-istadju ghas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

[1] Ara **Paul Pisani noe vs Reuben Vella Bray** P.A. 5 ta' Ottubru, 1994.

---------------------------------TMIEM---------------------------------